MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 156/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Andrew Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew Calleja talli bejn il-31 ta' Dicembru 2004 u l-14 ta' April 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment dovut lil Franca Calleja ghaliha u ghat-tfal minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal - Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2005 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andrew Calleja hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25) kif ukoll ordnat il-hlas fl-ammont ta’ tmien mija w hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm825) ai termini ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 fi zmien xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Andrew Calleja pprezentat fit-13 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti “a bazi tal-akkuza fuq indikata u ghar-ragunijiet tal-appell odjern fuq imsemmija, tordna t-tahsir tas-sentenza tal-qorti inferjuri; jekk pero` fl-analizi tar-ragunijiet ta’ l-appell odjern hawn fuq indikati, dina l-Onorabbli Qorti fis-saggezza taghha ma ssibx bazi legali ghat-tahsir tas-sentenza citata, allura l-appellanti umilment qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ghat-tibdil tal-istess sentenza tal-Qorti nferjuri u dana wkoll a bazi tar-ragunijiet tal-appell odjern imsemmija partikolarment il-perijodu tal-preskrizzjoni legali, il-fatt li l-Qorti marret ‘ultra vires’ billi ddecidiet fuq materja li ma kinitx fl-akkuza u f’kull kaz ma hix applikabbli ghall-kaz in ezami, it-talba tad-difiza legalment sostenibbli li l-ewwel Qorti cahdet biex ikunu jistghu jittellghu xi xhieda rilevanti ghall-pagamenti mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-konfuzjoni li nholqot meta nstemghu tlett akkuzi qishom kienu akkuza wahda skond kif fuq imfisser”;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) il-preskrizzjoni tal-perijodu msemmi, jekk mhux kollu, il-parti l-kbira minnu; (2) in-nullita` ta’ l-imputazzjoni peress illi ma hemm l-ebda “Qorti ta’ Malta”; (3) ma gietx esebita kopja legali tad-digriet numru 1127/2003 tas-7 ta’ Awissu 2003 tas-Sekond’ Awla; (4) l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgha

li tapplika l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali; (5) in-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti li tawtorizza lill-appellant itella’ xhieda biex jipprova li martu kienet qed tircievi introjtu sostanzjali mill-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bhala l-manteniment taghha; (6) in-nullita` tal-procedura adottata mill-ewwel Qorti meta semghet tliet kawzi kontestwalment u konsegwentement tas-sentenza appellata.

Dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-preskrizzjoni, ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa wiehed istantaneju u mhux permanenti u jigi kommess appena jiskadu hmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Il-paragrafu (z) ta’ l-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

**“Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –**

**Meta hekk ordnat minn xi qorti … jonqos li jaghti lil martu … is-somma ffissata minn dik il-qorti … bhala manteniment ghaliha … u, jew ghall-ulied, fi zmien <u>hmistax-il jum</u> minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni … ikollha tithallas dik is-somma”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Dan ma jfissirx li numru ta’ reati kontravvenzjonali ta’ natura istantaneja ma jistghux – anke a beneficcju ta’ l-imputat – jingabru flimkien mill-prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant bl-aggravju sollevat minnu ta’ preskrizzjoni.

Ghar-reat kontinwat u r-reat permanenti (*continuing offence*) ir-regoli tal-preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta’ reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-pemanenza tar-reat.

Issa fil-kaz in ezami l-appellant qieghed jigi akkuzat li ma hallasx il-manteniment ghall-perijodu mill-31 ta’ Dicembru

2004 sa l-14 ta' April 2005 "b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda", u cioe` b'referenza ghall-iskadenzi kollha li jaqghu f'dak il-perijodu. Kif diga` gie ritenut, ir-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess b'gheluq ta' hmistax-il jum wara d-data ta' l-iskadenza li tkun u mhux fid-data ta' l-iskadenza[1]. Ghalhekk fil-kaz ta' l-appellant din il-kontravvenzjoni kienet tiskatta b'gheluq il-hmistax-il jum mid-data ta' kull skadenza settimanali u hu jkun naqas li jhallas is-somma ordnata lil martu sa dakinhar.

F'dan il-kaz ghalhekk[2] il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, <u>trattandosi ta' reat kontinwat</u> (*continuous offence*) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza, u cioe` fid-29 ta' April 2005. Ic-citazzjoni odjerna giet appuntata ghas-smiegh ghat-3 ta' Mejju 2005 u l-appellant deher f'dik is-seduta meta nstemghu l-provi, saret it-trattazzjoni u nghatat is-sentenza, kollox jigifieri entro t-tliet xhur tal-preskrizzjoni li kienu jaghlqu fid-29 ta' Lulju 2005.

Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata u notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta u ghalhekk l-ewwel aggravju hu respint. Ghal kull bwon fini jigi rilevat li, stante li fl-appell numru 155/05 fl-istess ismijiet u deciz illum stess, il-perijodu ta' l-iskadenzi kien jasal sa l-iskadenza tat-30 ta' Dicembru 2004, din ic-citazzjoni ghandha titqies li tirreferi ghall-iskadenzi li jibdew minn dik tas-6 ta' Jannar 2005 u mhux mill-31 ta' Dicembru 2004.

Kwantu ghat-tieni aggravju, cioe` li l-imputazzjoni hija nulla peress illi ma tezisti ebda Qorti msejha "Qorti ta' Malta", huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

---

[1] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Galea**, 3 ta' Novembru 1995; **Il-Pulizija v. David Camilleri**, 22 ta' Marzu 2005; **Il-Pulizija v. John Chircop**, 3 ta' Novembru 2005.

[2] Bhal fil-kaz gia` citat **Il-Pulizija v. John Chircop**, 3 ta' Novembru 2005.

**“Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.”**

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta’ Lulju 1994, intqal:

**“L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista’ tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma’ appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta’ Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: ‘La vera imputazione si deduce contro l’imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l’imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell’ufficiale prosecutore’ (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista’ jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f’dan is-sens ukoll is-sentenza ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

**"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."**

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx referenza ghas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili izda l-appellant ma jista' bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jghid li ma kienx jaf liema kienet il-Qorti li kienet tat id-digriet in kwistjoni u allura dwar ir-responsabbilta` tieghu skond dak id-digriet. Inoltre l-appellant kellu l-opportunita` jiddefendi

ruhu quddiem l-ewwel Qorti, xehed quddiemha u saret anke t-trattazzjoni opportuna.

Ghalhekk din il-Qorti tqis dan l-aggravju ta' l-appellant bhala infondat ukoll.

Kwantu ghall-aggravju tieghu li ma gietx esebita kopja legali tad-digriet imsemmi, jirrizulta mill-atti li giet esebita kopja fotostatika ta’ kopja legali tad-digriet imsemmi u li giet attestata bhala vera kopja ta’ l-original mill-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre bir-responsabbilta` kollha tieghu.

Konsegwentement anke dan l-aggravju huwa michud.

Ir-raba’ aggravju jirrigwarda l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali mill-ewwel Qorti.

L-Artikolu 377 (3) tal-Kap. 9 jiddisponi hekk:

**“Il-Qorti tista’, ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta’ kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f’ ebda kaz mhux aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza….”**

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Chircop** moghtija fit-3 ta' Novembru 2005:

**"mhux il-kaz li f’kazijiet ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ mantenimernt li tigi applikata din is-sanzjoni ghax hawn non si tratta ta’ *"dizordni"* jew *"inkonvenjent" ut sic*.**

**Inoltre, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tarax li wara li jkun hemm digriet jew sentenza ta’ manteniment jew kuntratt li jistipula l-hlas ta’ manteniment, meta dawn diga` minnhom innifishom jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, li Qorti ohra terga’ tordna li jsir l-istess hlas li ma jkunx sar bi ksur tal-ligi**

**jew tal-obbligi kuntrattwali. Dan hu rimedju ghal kollox superfluwu w ineffikaci u mhux indikat f'kawzi bhal dawn u l-Qrati tal-Magistrati m' ghandhomx japplikawh. Is-sanzjoni, f' kaz ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 338 (z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita`, ripetizzjoni w cirkostanzi ohra tal-kaz minn wahda ta' piena ta' detenzjoni ghal zmien ta' mhux izjed minn xahrejn skond l-artikoli 7(2) u 12(1) tal-Kap.9 (jew aktar f' kaz ta' reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta' canfira jew twiddiba (Art.7(2) tal-Kap.9)."**

Ghalhekk, ghalkemm dan l-aggravju qieghed jigi milqugh, l-appellant xorta huwa responsabbli ghall-hlas lil martu ta' l-iskadenzi kollha tal-manteniment dovut skond id-digriet tas-Sekond'Awla tas-7 ta' Awissu 2003 minn dik id-data sakemm dan jigi modifikat, revokat jew sostitwit.

Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant li ma thalliex itella' xhieda ohra, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet gustifikata fic-cahda taghha anke peress illi ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ftehim jew ordni li l-manteniment kellu jithallas lil mart l-appellant mill-introjtu mill-fondi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk ix-xiehda tal-persuni li l-appellant ried itella' kienet irrelevanti ghall-finijiet tal-proceduri odjerni. Il-presuppost guridiku ta' l-imputazzjoni hu l-ordni ghall-hlas tal-manteniment kontenut fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Awissu 2003. Jekk il-mara ghandhiex introjtu iehor jew tahdimx hu rrilevanti. B'hekk anke dan l-aggravju hu michud.

L-ahhar ilment ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li t-tliet kawzi li kien hemm kontra tieghu nstemghu kontestwalment u dan holoq dizorjentament fih u anke fl-ewwel Qorti.

Jinghad l-ewwelnett li l-fatt li numru ta' kawzi jinstemghu kontestwalment m'ghandux ghalfejn johloq dizorjentament. Wara kollox f'dan il-kaz - u t-tnejn l-ohra li qed jigu decizi llum stess (Appelli Nri. 155/05 u 156/05) - il-fatti kienu l-istess, u cioe` l-allegat nuqqas ta' hlas ta' manteniment da parte ta' l-appellant lil martu, salv li kienu

jirrigwardaw perijodi differenti. Huwa ovvju li nhargu tliet citazzjonijiet peress illi saru tliet kwereli differenti fi granet differenti u li kienu jirreferu ghal perijodi differenti u difatti c-citazzjonijiet inhargu wkoll fi granet differenti. U bhalma qalet din il-Qorti ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano (illum Prim Imhallef) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciza fit-3 ta' Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678):

**"… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet processi jew it-tliet sentenzi d  iga` moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."**

Fil-mertu jinghad li din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Franca Calleja, mart l-appellant, u ta' l-istess appellant. Franca Calleja xehdet li ilha ma tircievi manteniment minghand ir-ragel mit-18 ta' Marzu 2004. L-appellant ma cahadx dan izda sostna li hi qed tircievi bhala manteniment l-imghaxijiet minn depoziti lokali u depoziti esteri; pero` xehed ukoll li quddiem is-Sekond'Awla ma kien issemma' xejn dwar dawn id-depoziti u li talba ghal modifika giet michuda. Qal ukoll li qatt ma qala' dawk il-flus biex jaghti dak il-manteniment li stabbiliet il-Qorti u anke ghamel sena ma jahdimx.

Apparti li l-appellant ma qalx f'liema sena ma hadimx, il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi *"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment".* Hu biss

wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' l-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. F'dan il-kaz jidher li talba li l-appellant ghamel lill-Qorti kompetenti sabiex jigi modifikat id-digriet originali giet sahansitra michuda. U kif diga` ntqal aktar qabel f'din is-sentenza, il-presuppost guridiku ta' l-imputazzjoni hu l-ordni ghall-hlas tal-manteniment kontenut fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Awissu 2003; ghalhekk, jekk il-mara ghandhiex introjtu iehor jew tahdimx hu rrilevanti wkoll[3].

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u ordnat li jhallas l-ammont ta' tmien mija hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm825) ai termini ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 fi zmien tliet xhur, u minflok ssibu hati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment dovut lil martu Franca Calleja ghaliha u ghal uliedhom Vanessa u Kurt, ahwa Calleja, ghall-iskadenzi mis-6 ta' Jannar 2005 sa l-14 ta' April 2005, u tikkonfermaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) b'dan li tali *ammenda* hija konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Galea**, 3 ta' Novembru 1995.